A.L. 61 ta' l-1992

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 21 ta' l-1972.

Jemenda r-regolament 9B tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 9B tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"(3) Għandu jitħallas lid-Direttur dritt fis-sena ta' għoxrin lira Maltija dwar il-ħruġ ta' dik il-liċenza fil-għamla ta' karta ta' identifikazzjoni kif ukoll għal oriġinal duplikat tagħha:

Iżda jistgħu jinkisbu kopji addizzjonali ta' dik il-karta ta' identifikazzjoni mingħand id-Direttur bi ħlas ta' dritt ta' Lm5 għal kull karta.".